# IT-TIENI PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI ĊIVILI

**25 ta' Jannar, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Prof. Victor Borg Costanzi B.A., LL.D.**

Alfred Buhagiar *pro. et noe.*

*versus*

Ministru tal-Edukazzjoni

**Azzjoni Industrijali – Strike – Lock Out – Azzjoni Industrijali Parzjali – Diskriminazzjoni – Union – Interessi ta'**

*Kawża magħmula minn Union sabiex jiġi ddikjarat li 'lock out' ordnat mill-Ministru tal-Edukazzjoni kienet illegali billi diskriminatorja. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-Unions. Il-Qorti tal-Appell irrevokat u laqgħat dawk it-talbiet.*

*Il-"Movement of United Teachers" kien ordna strike action parzjali. Il-Gvern ippretenda li l-impjegati jiffirmaw dikjarazzjoni li ma kinux ser jobdu d-direttivi tal-Union tagħhom jew inkella jiġu 'locked out'. Il-Union ippretendiet li tali azzjoni kienet diskriminatorja u għalhekk illegali.*

*Il-Qorti irriteniet li Union kellha dak l-interess ġuridiku rikjest biex tippromovi azzjoni għal dikjarazzjoni simili. L-interess tagħha kien dirett u kien insitu fin-natura stess tagħha bħala union.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha Alfred Buhagiar f'ismu proprju u, flimkien ma' Alfons Farrugia, fil-kwalità tagħhom premessa, wara li ppremettew illi:

(1) l-attur huwa impjegat mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni bħala "*teacher*", waqt illi l-atturi nomine huma għaqda trejdunjonistiku (recte trejdjunjonistika) li l-membri tagħha huma għalliema; (2) l-għaqda fid-19 ta' Settembru, 1984 tat direttivi lill-membri tagħha, inkluż l-attur, in kontemplazzjoni ta' tilwima ta' xogħol, li ma jagħmlux xogħol mhux rikjest minnhom skond il-kuntratt ta' servizz; (3) il-konvenut ftit granet wara esiġa mill-attur u l-membri l-oħra tal-għaqda attriċi, illi jiffirmaw dikjarazzjoni li ma jobdux direttivi tal-għaqda taħt piena ta' '*lock out*' lil min ma jiffirmax biss; (4) dan l-aġir tal-konvenut jammonta għal passi diskriminatorji kontra l-attur Buhagiar, kif ukoll kontra l-għaqda tramite l-membri tagħha, bi ksur tad-drittijiet tal-ħaddiem kontemplati fl-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali 1976, u senjatament l-artikolu 18(4)

tal-Att; u (5) illi għalhekk l-istess "*lock out*" bla paga fuq bażi selettiva bħala illegali huwa null u bla effett legali;

Talbu lill-istess Qorti tiddikjara illi l-imsemmija azzjoni ta' "*lock out*" selettiv u diskriminatorju da parti tal-konvenut hija in kontravvenzjoni tal-liġi, u għalhekk null u bla effett legali (sic);

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa illi (1) it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi d-dritt ta' "*lock out*" hu arma leġittima f'idejn min iħaddem, biex biha jkun jjista' jikkombatti kontra strajk; u, li d-diskriminazzjoni illi jitkellem fuqha l-artikolu 18(4) tal-Att tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali ma tirriferix għaż-żmien waqt li tkun għaddejja l-"*industrial dispute*" iżda wara. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-22 ta' Ottubru, 1984 li biha ġew milqugħa l-eċċezzjonijiet tal-konvenut kif jintqal aktar 'il quddiem, u ġew miċħuda t-talbiet tal-atturi proprio et nomine b'dana illi kull parti kellha tħallas l-ispejjeż tagħha, u dana, wara li l-istess Qorti ikkunsidrat:

*Omissis;*

Rat il-petizzjoni tal-istess atturi preżentata fil-25 ta' Ottubru, 1984, li biha talbu lli dina l-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata billi jiġu milqugħin it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn ikun opportun li jissemmew fil-qosor il-fatti li huma ta' rilevanza għal dina l-kawża u li tiġi stabillita s-sekwenza tagħhom;

Il-"*Movement of United Teachers*", magħruf ukoll bħala l-"M.U.T." illum magħrufa bħala "*Malta Union of Teachers*" (li l-attur Alfred Buhagiar huwa President tal-Kunsill tiegħu u l-attur Alfons Farrugia Segretarju Ġenerali) kien qiegħed ikollu taħdidiet mal-Gvern dwar il-qagħda tat-'*teachers*' fl-iskejjel Governattivi; dawna t-taħdidiet kienu ilhom sejrin sabiex jintlaħaq ftehim bejn il-Gvern u l-M.U.T., il-konferenza tal-Moviment għaddiet riżoluzzjoni illi tittieħed azzjoni industrijali f'Settembru, 1984. Għalhekk, fil-ġurnata ta' l-Erbgħa, 19 ta' Settembru, 1984, il-Kunsill tal-M.U.T. ħareġ direttivi lill-gradi kollha ta' l-għalliema fl-iskejjel tal-Gvern; dawna id-direttivi kellhom ikollhom effett immedjat, u kienu maħruġa fuq karti stensiljati li kienu jgħidu kif ġej: bil-kliem li ġej:

**"MOVEMENT OF UNITED TEACHERS**
***DIRECTIVES***

*The M.U.T. Council is issuing the following directives, with immediate effect, to all teaching grades in Government Schools. The application of these directives to Part-Time Teachers and Student-Teachers is to the extent indicated at B i, ii, iii. The directives do not apply to Instructor Grades and to Kindergarten Assistants.*

***A. TEACHING GRADES ARE DIRECTED.***

1. *Not to undertake mid-day supervision duties.*
2. *To withdraw from Parent / Teacher Associations.*

*3. To report for duty at the official time. The agreed arrangement whereby teaching grades report for duty ten minutes before the beginning of the morning and afternoon sessions is to be discontinued.*

*4. Not to carry out any duties outside their conditions of service, e.g. clerical work (including sending of absentee forms); distribution and collection of text-books, stationery, etc.; distribution of milk; compilation of medical cards; responsibility for tuck-shop; keeping children after school hours.*

*5. To refrain from carrying out any extra-curricular activity, e.g. Exhibitions; Mini-Musicals; Drama Festivals; Carnival Festivities; Christmas Parties.*

*6. Not to accept classes with more than 30 children (Primary and Secondary Forms I and II) and 25 children (Secondary Form II (recte III), IV and V).*

*7. Not to teach classes or accept extra lessons of teachers who are on the school premises.*

*8. Not to perform any duty which should be carried out by officially designated Form Teachers, Librarians and Guidance Teachers. In the case of Heads of Department, Guidance Teachers and Librarians, the appropriate reduced teaching load (as agreed between the Education Department and the M.U.T.) is not to be exceeded.*

*9. Not to attend staff meetings after school hours, or participate in discussion if such meetings are held during school hours.*

*10. Not to form, or sit on, any Committee (e.g. Welfare, Discipline, Sports) other than the M.U.T. School Committee.*

*11. Not to make use of text-books other than those provided by the Education Department.*

*12. To boycott Prize Day and any other official or unofficial function or ceremony.*

*13. To refuse to teach / work in classrooms, offices,*

*laboratories, workshops, etc. which are not sufficiently clean, or which do not have the necessary amenities, e.g. proper lighting, window panes, ventilation.*

*(In the case of lack of basic hygienic facilities in any school, specific directives will be issued to resort to strike action).*

## *B. PART-TIME TEACHERS AND STUDENT-TEACHERS.*

*Student-Teachers and Part-Time Teachers are directed to:*

*i. carry out only duties connected with the teaching of their normal class;*
*ii. decline to accept in their class any children of teachers following an M.U.T. directive, and*
*iii. refuse posting in schools during their study phase (applicable to student-teachers only).*

## *C. OTHER DIRECTIVES.*

*Within the next few days the Council will issue at short notice further directives for other forms of industrial action.*

*A.M. Farrugia*
*19th September 1984";* *General Secretary*

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni sar jaf b'dawn id-direttivi dak in-nhar stess li ngħataw. Huwa jgħid illi ġie deċiż illi "il-Gvern jgħid lit-teachers kollha illi jekk huma bi ħsiebhom jobdu d-direttivi u ma jkomplux jagħmlu xogħolhom regolarment bħal qabel, allura jiġu "*locked out*" bla ħlas, kollha, mingħajr

diskriminazzjoni ta' xejn''. Dina d-deċiżjoni twasslet lill-għalliema kollha, jew il-ġurnata tal-Ġimgħa, 21 tax-xahar jew wara, permezz tal-posta;

Fil-21 ta' Settembru, 1984, f'laqgħa li nżammet fil-għodu bejn il-Ministru ta' l-Edukazzjoni minn banda l-waħda u Alfred Buhagiar u d-delegazzjoni li kellu miegħu in rappresentanza tal-M.U.T. mill-banda l-oħra, il-Ministru informa lill-istess delegazzjoni li huwa ma kienx jaqbel mad-direttivi li ngħataw u illi huwa kien sejjer jesiġi li kull teacher kien sejjer ikollu jiffirma karta li kienet tgħid kif ġej:

''21 ta' Settembru, 1984

**Lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni**

Mhux ser insegwi d-direttiv mogħtija mill-M.U.T. fid-19 ta' Settembru, 1984. Ser inkompli nagħmel ix-xogħol tiegħi regolarment bħal qabel.

Firma ______________________________

Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________''

(Dina l-karta sejra tissemma' ''Dokument B'' minn issa 'il quddiem);

Meta ġiet biex tiġi implimentata dina d-deċiżjoni, mill-

Ministru ta' l-Edukazzjoni, **flimkien mad-Dokument "B"**, intbagħtet ukoll lil kull teacher karta oħra "*stencilled*" (minn issa 'il quddiem imsejħa "Dokument Ċ") li kienet tgħid kif ġej:

"MINISTRY OF EDUCATION
Valletta, Malta.

21 ta' Settembru, 1984

Inti '*locked out*' bla ħlas sakemm fuq direttivi mogħtija mill-M.U.T., inti fi ħsiebek ma tkomplix tagħmel ix-xogħol tiegħek regolarment bħal qabel.

Karmenu Mifsud Bonnici,
Ministru ta' l-Edukazzjoni";

Waqt dina l-laqgħa, l-istess Alfred Buhagiar, li huwa wkoll teacher, ġie preżentat biż-żewġ dokumenti; huwa ma ffirmax id-dokument "B". Dwar dan il-Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien xehed illi Alfred Buhagiar ġie '*locked out*' fil-21 ta' Settembru, 1984 għaliex "ma riedx jagħti assikurazzjoni" kif jgħid ix-xhud, "billi jiddikjara li huwa kien lest li jibqa' jagħmel dawk id-*duties* u xogħlijiet li kien jagħmel qabel id-19 ta' Settembru, 1984 bħala għalliem fl-Iskola tal-Gvern". L-istess xhud ikompli jgħid illi Buhagiar ħareġ '*on strike*' fit-23 ta' Settembru, 1984 u li allura t-tnaqqis tas-salarju tiegħu sar b'effett mill-ġurnata tat-Tnejn, 24 ta' Settembru, 1984, meta huwa ma daħalx għax-xogħol minħabba l-*istrike*. Barra minn hekk l-istess xhud isostni illi Buhagiar kien '*locked out*' biss "teknikament, għaliex fil-fatt is-salarju li rċieva kien ikopri sat-23 ta' Settembru, 1984". (Wieħed hawnhekk irid jiftakar illi s-Sibt, 22 tax-xahar u l-Ħadd, it-23 ma kinux ġranet tax-xogħol);

Tajjeb, f'dan il-waqt li tiġi riprodotta x-xiehda mogħtija fis-17 ta' Ottubru, 1984 mill-Onorevoli Dottor Karmenu Mifsud Bonnici, li f'Settembru, 1984, kien jokkupa l-kariga ta' Ministru ta' l-Edukazzjoni; fost ħwejjeġ oħra huwa qal: "Fid-19 ta' Settembru, 1984 smajt illi l-M.U.T. ħarġu d-direttivi li kopja tagħhom hija eżebita fil-proċess. Dawk id-direttivi (jgħid ix-xhud) kienu jorbtu lit-teachers kollha.

Mingħajr ma ħarist jekk it-teachers bdewx jobdu dawk id-direttivi, u mingħajr ma rajt jekk kienx hemm xi teachers li għamlu ħwejjeġ, jew ma għamlux xi ħwejjeġ, li soltu kienu jagħmlu, ġie deċiż illi l-Gvern jgħid lit-teachers kollha illi jekk huma beħsiebhom jobdu d-direttivi w ma jkomplux jagħmlu xogħolhom regolarment bħal qabel, allura jiġu '*locked out*' bla ħlas kollha mingħajr diskriminazzjoni ta' xejn. Dan twassal lit-teachers jew fil-21 ta' Settembru, jew ġranet wara, permezz tal-posta. Ma ħarisniex lejn dawk li għamlu xi att imma biss lejn dawk li ma qalux illi se jkomplu jagħmlu xogħolhom bħal qabel." (Ara fol. 34 – 35 tal-proċess);

Fil-ġurnata tal-Ħadd, 23 ta' Settembru, 1984, l-M.U.T. ħarġet direttivi ġodda ta' *strike*, wara li, kif ipoġġiha fl-istess xhieda tiegħu l-Onorevoli Karmenu Mifsud Bonnici, "it-teachers ġew infurmati li l-Gvern kien ser jagħmel '*lock out*'" ;

L-attur appellant Alfred Buhagiar xehed illi l-kuntratt tax-xogħol tat-teachers huwa regolat bir-'*Reorganisation Agreement*' li kien sar f'Lulju ta' l-1975 b'effett retroattiv mill-1 ta' Frar, 1974. Skond dana l-*agreement*, ikompli x-xhud, passi dixxiplinari kontra għalliema setgħu jittieħdu jew permezz tal-*Public Service Commission* jew, f'każijiet ta' nuqqasijiet żgħar, permezz tal-Kap tad-Dipartiment;

Il-Qorti hija tal-fehma illi ma hemmx għalfejn jissemmew fatti oħra li diġà ġew elenkati fis-sentenza appellata;

Ikkunsidrat dwar il-kwistjoni jekk il-Malta Union of Teachers għandhiex interess ġuridiku li tistitwixxi l-kawża preżenti, il-Qorti kif kostitwita, hija tal-fehma illi l-interess li trid il-liġi li parti f'kawża għandu jkollha, jinstab pjenament pruvat mix-xhieda li nstemgħu u mid-dokumenti li nġiebu fil-kawża. Huwa ovvju illi meta si tratta ta' kwistjoni dwar legalità ta' att magħmul bħala rejazzjoni għal direttiva mogħtija minn *trade union* u intiż sabiex jilqa' għal dik id-direttiva, għandhom interess li jikkontestaw mhux biss dawk responsabbli għall-att stess, mhux biss il-membri ta' l-istess *trade union* u dawk il-ħaddiema kollha li jkunu ġew milquta mill-istess att imma (u forsi anke iżjed emfatikament) anke t-*trade union* stess li tkun emanat id-direttiva. Fil-kawża tal-lum il-kwistjoni m'hix sempliċement kif irid ipoġġiha l-konvenut, jiġifieri illi l-'*lock out*' ma jistax jolqot u jkun applikabbli għal *trade union* għaliex dina fiżikament ma tistax tiġi miżmuma milli tidħol għax-xogħol; fil-każ tagħna inveċe si tratta ta' interess attwali, dirett u ġuridiku li t-*trade union*, korp morali u awtonomu, għandha illi tara illi d-direttivi minnha mogħtija fil-qadi tal-funzjoni leġittima tagħha ta' trade union, ma jiġux imxejna jew ostakolati b'xi att li jista' ma jkollux il-karattru ta' legalità. X'valur jista' jkollhom il-bosta disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Att Dwar Relazzjonijiet Industrijali u ta' liġijiet oħra li jippromwovu u jirregolaw is-sħubija ta' ħaddiema fi *trade union* u l-għaqda bejn l-istess ħaddiema fi ħdanha, il-krejazzjoni ta' kunsilli u kumitati sabiex b'hekk jimxi 'il quddiem il-moviment tal-ħaddiema u jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti fix-xogħol u protezzjoni għall-jeddijiet u għall-aspirazzjonijiet ġusti tagħhom kollha, jekk imbagħad tasal biex tgħid illi f'kawża fejn hemm in kwistjoni

l-legalità ta' xi għemil li jista' jmur kontra dana kollu, l-istess *trade union* għandha tibqa' magħluqa barra minn kollox, u tkun tista' biss, biex wieħed jgħid hekk, tibqa' tħares mit-tieqa'? Ma hemmx għalfejn wieħed imur 'il bogħod wisq biex jara kemm, li kieku ma kienx hekk, jistgħu jkunu diżastrużi l-konsegwenzi fl-oqsma legali, u f'dawk tax-xogħol u ta' l-ekonomija, jekk kemm-il darba l-istess *trade union* ma tkunx tista' biss tiftaħ ħalqha f'qorti sabiex tipprova ssalva dak li tkun għamlet hija stess, bħala assoċjazzjoni ta' persuni, fl-interess kollettiv jew individwali tal-membri tagħha;

Minn dana jidher illi ma hemm ebda ostakolu fil-liġi li jimpedixxi l-*Movement of United Teachers,* illum "*Malta Union of Teachers*" milli, permezz tar-rappreżentanti tagħha legali, tistitwixxi u tipprosegwi b'dina l-kawża.

Ikkunsidrat dwar il-meritu tal-kawża:

Kif ġa ntqal, iż-żewġ dokumenti "B" u "Ċ", it-tnejn flimkien, twasslu għand it-teachers kollha. Il-messaġġ kontenut fl-istess dokumenti lil kull wieħed u waħda minnhom huwa ċar biżżejjed – "Inti *locked out* u tibqa' *locked out* sakemm ma tkunx iddikjarajt bil-kitba illi inti ma kontx sejjer issegwi d-direttivi". Jiġifieri l-*lock out* qiegħed hemm u jibqa' hekk sakemm it-teacher li jkun ma jasalx biex jiffirma d-Dokument "B";

Il-Qorti mhix sejra tidħol fil-kwistjoni jekk il-konvenut kellu jew ma kellux jibgħat dawn iż-żewġ dokumenti flimkien lil kull teacher. Seta', per eżempju kien hemm xi wħud minn dawna illi ma kinux sejrin jobdu d-direttiva ta' l-M.U.T.; di fronte ta'

dawn ta' l-aħħar, il-*lock out* – komunement ritenut bħala risposta naturali u leġittima għal azzjoni industrijali – ma jidhirx li kien ġustifikat għaliex dawna żgur li ma kinux sejrin jonqsu li jagħmlu xi xogħol li kien qiegħed jippretendi minnhom l-istess Ministru ta' l-Edukazzjoni;

Dwar il-membri ta' l-M.U.T. u dawk kollha li ma waslux biex jiffirmaw id-Dokument "B", l-atturi jikkontestaw il-validità tal-*lock out* fuq il-bażi li "huwa selettiv u diskriminatorju" kontra dawk biss li jagħżlu li ma jiffirmawx id-dikjarazzjoni illi huma ma kinux sejrin jobdu d-direttivi tal-M.U.T.; l-atturi jippretendu wkoll illi l-istess *lock out* jikser id-drittijiet ta' dawna l-ħaddiema kontemplati fl-Att ta' l-1976 Dwar Relazzjonijiet Industrijali;

Il-pretensjoni tal-konvenut, mill-banda l-oħra, fis-sens illi huwa ma ddiksrimina kontra ħadd għaliex l-ittri ntbagħtu lil kull teacher kemm jekk dan kien membru tal-M.U.T. jew le, kemm jekk kien bi ħsiebu jobdi d-direttiva kemm jekk ma kienx, fil-fehma tal-Qorti, hija bla bażi. Il-konvenut ma jistax jieħu vantaġġ billi jgħid "Fejn ma kelliex għalfejn nordna l-*lock out* xorta waħda ordnajtu, allura jiena ma ddiskriminajt kontra ħadd". Jekk il-konvenut iddeċida li jillokkja barra anke dawk it-teachers (membri tal-M.U.T. jew le) li forsi kienu bi ħsiebhom jiffirmaw id-dokument "B", dana ma jfissirx li b'hekk, għal dawk li kienu sejrin jobdu d-direttiva u jagħżlu li ma jiffirmawx l-istess dokument, dana l-fatt jassumi xi rilevanza;

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi l-lock-out sar di fronte ta' kull ħaddiem li kien jgħallem fl-iskejjel tal-Gvern, kienet x'kienet ir-raġuni li għaliha sar il-*lock-out*, żgur li huwa diskriminatorju kontra dawk il-ħaddiema illi kien bi ħsiebhom jimxu mad-direttiva tal-M.U.T.;

U hawnhekk ikun tajjeb li l-Qorti f'dan l-istadju tesponi l-aspett strettament legali tal-kwistjoni, li fih u fuqu imbagħad iridu jiġu inkwadrati l-fatti rilevanti għall-kawża u b'hekk tikkristalizza s-soluzzjoni ġuridika għall-problematika li l-każ ħoloq;

L-artikolu 18, subartikolu 4, ta' l-Att Dwar Relazzjonijet Industrijali jipprovdi illi ebda prinċipal, konfrontat b'għemil ta' xi persuna bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xogħol u skond direttiva maħruġa minn trade union, ma jista':

(a) itemm il-kuntratt ta' impieg ta' dik il-persuna;
(b) jiddiskrimina kontra tagħha; jew
(c) iqis li b'dak l-għemil kien hemm l-interruzzjoni fis-servizz ta' dik il-persuna.

Issa f'din is-sentenza diġà ntqal illi bid-dokumenti "B" u "Ċ", il-messaġġ tal-konvenut kien – "Inti *locked out* u tibqa' *locked out* sakemm ma tkunx iddikjarajt bil-miktub illi inti m'intix ser timxi skond id-direttiva tal-M.U.T.;"

Kull teacher li rċeva dan il-messaġġ kien jaf ukoll bid-direttiva maħruġa mill-M.U.T. L-għemil ta' kull wieħed li ma kienx bi ħsiebu jiffirma d-Dokument "B" kien għemil magħmul bil-ħsieb li jmexxi 'l quddiem tilwima tax-xogħol. Il-messaġġ tal-konvenut kien qed javżah ill huwa, bħala prinċipal, se jimxi b'mod differenti bejn dawk li jiffirmaw id-dikjarazzjoni li bagħtilhom, billi lil dawn se jħallihom jidħlu għax-xogħol u jħallashom, waqt li lil dawk li ma kinux se jiffirmaw ma kienx se jħallihom jaħdmu u ma kienx se jħallashom. Diskriminazzjoni ċara, għaliex il-prinċipal ma kienx se jittratta bl-istess mod l-

impjegati tiegħu – u kien se jiddistingwi bejniethom a bażi ta' konformità o meno mal-ħtieġa ta' firma tad-dikjarazzjoni li pproponielhom u wara din id-distinzjoni jipproċedi biex jittratta lil dawk li ma ffirmawx b'mod li huwa agħar minn dak li bih kien se jittratta lil dawk li jiffirmaw – li hi allura d-diskriminazzjoni li l-liġi ma tippermettix;

Terġa' u tgħid, jekk dawna l-ħaddiema, skond il-liġi, għandhom dritt jingħaqdu fi *trade union* u għandhom id-dritt u l-interess kollu li jimxu kompatti b'azzjoni waħda skond id-direttivi li jagħtu l-mexxejja ta' l-istess *union*, eletti mill-istess ħaddiema b'mod demokratiku, kif jista' jkun sewwa u skond il-ħaqq li tagħlaqhom barra mix-xogħol talli (forsi) ma kinux sejrin jaslu biex jiksru d-direttivi tal-*union* tagħhom stess? Il-*lock-out* ordnat mill-konvenut, fil-każ taħt eżami, għandu karattru ħafna iżjed noċiv għall-interessi ta' l-istess ħaddiema minn dak ta' *lock*-out kontrihom sempliċi u nkondizzjonat;

U allura, meta wieħed ikompli janalizza kif imiss dina l-kwistjoni, kif jista' wieħed ma jarax illi l-problema f'dina l-kawża hija wkoll jekk it-tqegħid tal-kundizzjoni illi l-ħaddiem partikolari ma jibqax *locked out* biss jekk ikun aċċetta li jiffirma w jkun iffirma d-dikjarazzjoni illi huwa ma kienx sejjer "isegwi d-direttivi mogħtija mill-M.U.T. fid-19 ta' Settembru, 1984" hijiex imposizzjoni li lill-istess ħaddiem tnaqqaslu mid-drittijiet tiegħu li jingħaqad u jassoċja ruħu ma' oħrajn għall-protezzjoni ta' l-interessi tiegħu u partikolarment mil-libertà li għandu li jiddeċidi li jipparteċipa f'azzjoni industrijali ordnata mit-*trade union* tiegħu. (Cfr. Dr. Walter Cuschieri vs Onor. Prim Ministru noe deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 1977);

Il-krejazzjoni ta' *trade union* hija ntiża għall-iskop, fost

oħrajn, li tħares id-drittijiet tal-ħaddiema u tagħti l-protezzjoni tagħha leġittimament kull meta dawn id-drittijiet ma jkunux jidhru li qegħdin jew sejrin jiġu rispettati;

Huwa kontradittorju, biex wieħed igħid l-inqas, illi l-Awtoritajiet, fil-ħin li jirrikonoxxu, (kif ma jistgħux ma jirrikonoxxux minħabba dak li jgħidu l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali u liġijiet oħra in materja) id-dritt ta' għaqda tal-ħaddiema fi trade *union* b'dak kollu li jimporta, fl-istess ħin jesiġu mill-membri ta' l-istess union, li sabiex jerġgħu jinfetħulhom il-bibien għax-xogħol, huma jkollhom jiskartaw id-direttivi mogħtija mill-*union* u anzi jekk le, li se jiġu penalizzati b'mod diskriminatorju, li l-liġi ma tridx;

Dawna l-konsiderazzjonijiet jibqgħu validi anke jekk kemm-il darba, għall-grazzja ta' l-argument, il-Qorti tapplika l-liġi għall-interpretazzjoni tal-fatti li ta l-konvenut. Qal il-konvenut: "...ġie deċiż illi l-Gvern jgħid lit-teachers kollha illi jekk huma bi ħsiebhom jobdu d-direttiva u ma jkomplux jagħmlu xogħolhom regolarment bħal qabel, allura jiġu "*locked out*" bla ħlas, **kollha mingħajr diskriminazzjoni ta' xejn"**;

Naturalment – dawk kollha li ma kinux se jiffirmaw id-dikjarazzjoni li ried mingħandhom il-konvenut, dawk kollha li kienu se jobdu d-direttivi tat-*trade union* biex imexxu 'l quddiem it-tilwima tax-xogħol – dawn kienu se jiġu *locked out*, kollha l-istess, "mingħajr diskriminazzjoni", kif ipoġġiha l-konvenut. Imma d-diskriminazzjoni lamentata li huwa kien qiegħed jipprattika bid-Dokumenti "B" u "Ċ" li bagħat, kienet **kontra dawn kollha** a favur, u in kuntrast ma dawk li, billi jiffirmaw id-dikjarazzjoni tiegħu, kien se jittrattahom mod ieħor,

idaħħalhom għax-xogħol u jħallashom;

Għalhekk, tinterpreta kif tinterpreta l-fatti li ġraw – dejjem jinkwadra ruħu perfettament fid-divjet tal-liġi u għandhom għalhekk l-istess effett ġuridiku;

Għal dawna l-motivi l-Qorti tilqa' t-talba kontenuta fil-petizzjoni ta' l-atturi appellanti, billi tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell, tiddikjara illi l-imsemmija azzjoni ta' "*lock-out*" selettiv u diskriminatorju da parti tal-konvenut appellat hija in kontravvenzjoni tal-liġi, u għalhekk nulla u bla effett legali; tordna li l-kap ta' l-ispejjeż jiġi riformat fis-sens li dawk li ġew akkollati lill-konvenuti fl-ewwel istanza jibqgħu a karigu tiegħu u li l-bqija tal-ispejjeż kollha jitħallsu mill-istess konvenut appellat.